PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

30.9.2008

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-problema tal-profiling, b'mod partikulari fuq il-bażi ta' etniċità u razza, fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, fl-infurzar tal-liġi, l-immigrazzjoni u l-kontroll tad-dwana u tal-fruntieri

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Sarah Ludford

1. Daħla

Huwa prinċipju fundamentali tal-istat tad-dritt li l-ħidmiet tal-infurzar tal-liġi għandhom ikunu bbażati fuq l-imġiba personali ta' individwu, mhux fuq l-identità tiegħu. Għaldaqstant normalment in-nies jistgħu jintgħażlu għal investigazzjoni jew kontroll fuq il-bażi biss ta' suspett raġonevoli li jitnissel mill-azzjonijiet tagħhom stess. Imma l-Istati Membri u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tal-kontroll tal-fruntieri qed ikunu dejjem aktar interessati fil-'profiling' bħala teknika li tista' tgħin fl-identifikazzjoni proattiva ta' gruppi ta' nes li jistħoqqilhom aktar kontroll jew jitqiesu bħala dawk li jistgħu jwettqu reati u atti terroristiċi. Il-profiling qiegħed jitwettaq fis-sistema tax-xogħol tal-pulizija u tal-ġustizzja kriminali inklużi l-ħidmiet tal-pulizija fit-twaqqif u t-tfittix u l-kontroll tal-identità, matul il-kontrolli tas-sigurtà fl-ajruporti u portijiet ta' dħul oħra, u fl-għażla tal-persuni għas-sorveljanza fil-ħidmiet ta' kontra t-terroriżmu.

Dan iseħħ fl-ambitu fejn il-bażijiet tad-dejta tal-kontroll tal-imigrazzjoni u l-fruntieri li dejjem qegħdin jespandu u l-iskambju dejjem jiżdied tat-tagħrif joffru riżors ġdid tat-tagħrif għall-infurżar tal-liġi u l-ħidma kontra t-terroriżmu kif ukoll għall-kontroll tal-imigrazzjoni. Forma waħda ta' profiling, komunament imsejħa l-estrazzjoni tad-dejta, hija l-użu tat-tiftix awtomatizzat ta' bażijiet tad-dejta fuq il-bażi ta' kriterji magħżula minn qabel li jistgħu jinkludu (imma mhumiex limitati għal) ir-razza, l-etniċità, ir-reliġjon u l-oriġini nazzjonali.

Dan ir-rapport qed jitwettaq bil-fehma li l-użu tal-profiling u l-estrazzjoni tad-dejta jiġġustifikaw dibattitu pubbliku u parlamentari. Ma ngħatatx attenzjoni biżżejjed rigward ir-riskju ta' diskriminazzjoni jew użu ħażin ta' tagħrif personali sensittiv fl-eżerċizzji tal-profiling, u għall-ħtieġa li tali ħidmiet ikunu oġġettivi, proporzjonati u meħtieġa jekk iridu jissodisfaw il-kriterji ġuridiċi fid-dritt Ewropew tad-drittijiet tal-bniedem u kontra d-diskriminazzjoni. Il-profiling jista' jkun impliċitu, per eżempju meta jirrifletti fiduċja fi sterjotipi, fir-rigward tal-inklinazzjoni ta' gruppi f'minoranza li jwettqu reati, fid-deċiżjonijiet tal-pulizija rigward liema persuni jidhru suspettużi. Twettqu studji biex jistudjaw l-inċidenza ta' dan fir-relazzjoni, per eżempju, man-nies Roma. Forom oħra ta' profiling huma espliċiti, bħal meta sett speċifiku ta' kriterji jintuża bħala l-bażi għad-direzzjoni tat-tiftix investigattiv.

Imma ftit hemm ċarezza jew kunsens dwar liema prattiki fil-fatt jikkostitwixxu l-profiling, sa liema punt huma leġittimi, u x'salvagwardji huma rekwiżiti biex ikun evitat il-profiling li mhuwiex leġittimu jew li hu diskriminatorju.[1] Il-Parlament Ewropew semma ripetutament it-tħassib tiegħu relatat mal-profiling, b'mod partikulari rigward ir-razza, l-etniċità u r-reliġjon, fl-ambitu tal-protezzjoni tad-dejta, il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, l-iskambju tad-dejta u l-intelliġenza, is-sigurtà tal-avjazzjoni u t-trasport, il-kontroll tal-immigrazzjoni u l-fruntieri u t-trattament tal-minoranzi. Madankollu ma kienx hemm studju adegwat tal-kwistjonijiet ġuridiċi u kwistjonijiet oħra li jistgħu jwassslu għal xi ftehima rigward dak li huwa aċċettabbli u dak li mhuwiex.

2. Lejn definizzjoni ta' profiling

Hemm il-ħtieġa li tintlaħaq xi forma ta' ftehima rigward definizzjoni, imbagħad gwida rigward il-leġittimità u l-legalità ta' każijiet speċifiċi ta' profiling, bħala bażi għall-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja u kontabilità.

[1] Għandna ngħarfu wkoll li l-profiling ibbażat fuq in-nazzjonalità jista' jkun prokura għall-profiling etniku.

M'hemmx definizzjoni tal-UE rigward il-profiling, kemm etniku jew ta' xi tip ieħor, u lanqas kunsens rigward il-firxa tal-prattiki u l-atturi li jista' jħaddan. In-nuqqas ta' kjarezza kunċettwali xxekkel id-diskussjoni. Kien hemm żewġ mudelli kemxejn distinti ta' definizzjoni tal-profiling fl-ambitu Ewropew: mudell wieħed ifiġġ mill-ambitu tal-protezzjoni tad-dejta, waqt li t-tieni wieħed ifiġġ mill-ambitu ta' kontra d-diskriminazzjoni.

Żewġ definizzjonijiet mill-ambitu tal-protezzjoni tad-dejta huma:

> "Metodu bbażat fuq l-informatika li jagħmel użu mill-estrazzjoni tad-dejta f'maħżen tad-dejta li jħaffef jew huwa intenzjonat li jħaffef il-klassifikazzjoni b'xi grad ta' probabbiltà – u għaldaqstant b'xi marġni ta' żball – ta' individwu f'kategorija speċifika biex jittieħdu deċiżjonijiet individwali rigward dik il-persuna."[1]

> "Il-proċess ta' deduzzjoni ta' sett ta' karatteristiċi (tipikament l-imġiba) rigward persuna individwali jew entità kollettiva u t-trattament ta' dik il-persuna/entità (jew persuni/entitajiet oħra) fid-dawl ta' dawk il-karatteristiċi." [2]

Dawn id-definizzjonijiet iqisu l-profiling bħala proċess newtrali ta' investigazzjoni, u jħallu barra l-kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi tal-użu ta' dejta personali sensittiva u r-riskji ta' diskriminazzjoni. Lanqas jistabbilixxu l-infurzar tal-liġi bħala l-post kruċjali fejn il-profiling huwa kawża għal tħassib rigward l-impatti diskrimatorji potenzjali tiegħu.

Definizzjonijiet oħra huma marbuta ma' perspettiva kontra d-diskriminazzjoni u jikkonċentraw fuq profiling etniku:

> "L-użu mill-pulizija, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva jew raġonevoli, ta' sisien bħar-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, in-nazzjonalità jew l-oriġini nazzjonali jew etnika, f'ħidmiet ta' kontroll, sorvelljanza jew investigazzjoni" [3]

> "[Il-profiling etniku huwa] l-użu tal-etniċità, ir-razza, l-oriġini nazzjonali jew ir-reliġjon, minflok l-imġiba individwali, bħala l-bażi ta' deċiżjonijiet fl-ambitu tal-infurzar tal-liġi u/jew deċiżjonijiet investigattivi rigward persuni li jitqiesu bħala involuti jew li kienu involuti f'ħidma kriminali."[4]

> "[Il-profiling etniku huwa] l-prattika tal-użu tar-'razza' jew l-oriġini etniku, ir-reliġjon, jew l-oriġini nazzjonali, bħala l-uniku fattur, jew bħala wieħed minn diversi fatturi fid-deċiżjonijiet tal-infurzar tal-liġi, fuq bażi sistematika, kemm jekk l-individwi kkonċernati huma identifikati permezz ta' mezzi awtomatizzati, u

[1] Ara l-istudju riċenti tal-Kunsill tal-Ewropa rigward il-profiling.
[2] L.A. Bygrave, Minding the machine: Artikolu 15 tad-Direttiva tal-KE dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u l-Profiling Awtomatizzat, *Rapport dwar il-Liġi tal-Informatika u s-Sigurtà*, 2001, vol. 17, pġ. 17-24
[3] Ir-Rakkomandazzjoni Nru 11 tal-Politika Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoini razzjali fix-xogħol tal-pulizija, adottata fid-29 ta' Ġunju 2007, CRI/Kunsill tal-Ewropa (2007)39, paragrafu 1.
[4] Preżentazzjoni minn Rebekah Delsol, Open Society Institute lil-Laqgħa ta' Diskussjoni LIBE: "Il-libertà u s-sigurtà fil-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera tal-UE", Brussell, fit-30 ta' Ġunju 2008.

kemm jekk mhumiex."[1]

3. Il-firxa tal-profiling: il-ħidma kontra t-terroriżmu, l-infurzar tal-liġi, il-kontroll tal-immigrazzjoni, tad-dwana u tal-fruntieri

Il-profiling jintuża f'ħafna oqsma differenti tal-infuzar tal-liġi u l-kontroll amministrattiv, li jvarjaw mill-ħidma kontra t-terroriżmu[2] u l-infurzar tal-liġi nazzjonali għall-kontroll tal-immigrazzjoni, tad-dwana u tal-fruntieri. Il-linji li jifirdu dawn l-oqsma differenti qed ikunu dejjem aktar imċajpra meta t-tagħrif miġbur f'qasam partikulari huwa skambjat ma' oqsma oħra, minħabba li l-aġenziji jwieġbu għall-pressjoni biex jiżdied l-iskambju tal-intelliġenza skont il-prinċipju tad-disponibbiltà, u minħabba li qed isiru sforzi aktar mifruxa li jippromwovu kooperazzjoni akbar u operazzjonijiet konġunti. Il-bażijiet tad-dejta tal-UE bħas-Sistema ta' Tagħrif tal-Viża (VIS)[3], is-Sistema ta' Tagħrif ta' Schengen (SIS I u SIS II) u l-Eurodac jitqiesu bħala riżors għall-kooperazzjoni tal-ġustizzja kriminali kif riflessa fil-proposti biex l-infurzar tal-liġi jingħata aċċess għal dawn il-ħażniet tad-dejta u biex jinħolqu rabtiet operattivi bejn il-VIS, is-SIS II u l-Eurodac.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal sistema[4] ta' Reġistru Ewropew tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) tipprevedi l-ġbir tad-dejta personali tal-passiġġieri li jivvjaġġaw lejn l-UE. Il-proposta hija għal "tqabbil tad-dejta PNR tal-passiġġieri ma' kombinazzjoni ta' karatteristiċi u xejriet tal-imġiba mmirati lejn il-ħolqien ta' evalwazzjoni tar-riskju". Għalkemm il-Kummissjoni rrifjutat li taċċetta t-tikketta ta' "profiling" għal din il-ħidma, is-sens komun jissuġġerixxi li trid tkun adattata għal kwalunkwe definizzjoni raġonevoli. Passiġġier li jidħol fil-'profil' ta' evalwazzjoni tar-riskju rilevanti jrid ikun identifikat bħala passiġġier ta' riskju għoli, u possibilment ikun suġġett għal aktar ħidmiet.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' sistema[5] ta' dħul-ħruġ tipprevedi l-possibilità li l-infurzar tal-liġi nazzjonali tkun tista' tuża tagħrif, inkluża dejta bijometrika miġbura mingħand il-passiġġieri deħlin jew ħerġin miż-żona Schengen fil-kontrolli nazzjonali, mhux f'dik tal-fruntiera, rigward l-identità. Hemm il-probabbiltà li t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-użu ta' dawn il-bażijiet tad-dejta jista' juża profili bbażati fuq dejta personali, inkluża dejta sensittiva. Is-Sistema Elettronika ta' Awtorizzazzjoni tal-Ivvjaġġar (ESTA) se "tikkonċerna ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux jeħtieġu viża [u] tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali li jagħmlu evalwazzjoni individwali rigward kull passiġġier qabel huwa/hija jimbarka fuq inġenju tal-ajru lejn l-Ewropa." Madankollu, il-proċess ta' ċertifikazzjoni rigward jekk persuna hijiex vjaġġatur bona fide/ta' riskju baxx jew theddida għas-sigurtà u l-ordni pubblika titħalla f'idejn l-Istati Membri fuq il-bażi ta' kriterji mhux definiti. Preżumibbilment huma se jfasslu profili ta' evalwazzjoni tar-riskju bħala l-bażi għad-deċiżjonijiet.

---

[1] De Schutter, Oliver u Ringelheim, Julie (2008), "Il-Profiling Etniku: Sfida li qed Tikber għal-Liġi Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem," *Modern Law Review*, 71(3):358-384.

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/1/JHA dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-inteliġenza bejn l-Istati Membri, id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/JHA dwar is-simplifikar tal-iskambju ta' informazzjoni u l-inteliġenza bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari fir-rigward ta' reati serji, inklużi atti terroristiċi.

[3] ĠU 218 tat-13.8.2008 tat-23 ta' Ġunju 2008, pġ. 60 u pġ. 129.

[4] COM (2007) 654.

[5] It-tħejjija tal-passi li jmiss fil-ġestjoni tal-fruntieri fl-Unjoni Ewropea COM (2008) 69, 13.02.08.

Huwa allarmanti li dawn il-proposti qed jiċċaqalqu b'ħeffa kbira meta hemm vojt serju fit-tagħrif rigward il-prattiki tal-profiling fil-fruntieri; hemm biss ftit studji dwar dan. Parzjalment, dan jirrifletti l-isfidi speċifiċi fid-definizzjoni u l-monitoraġġ tal-profiling fil-każ tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-immigrazzjoni, li huwa, bħala definizzjoni, ibbażat l-ewwel u qabel kollox fuq in-nazzjonalità u l-istatus tal-viża tal-persuna li tixtieq taqsam il-fruntiera.[1] L-istudji huma mxekkla wkoll mid-diffikultà tal-infurzar tal-liġi biex jiskambjaw linji gwida investigattivi u tagħrif dwar prattiki speċifiċi li jużaw kriterji sensittivi.

Barra minn hekk, hemm il-potenzjal ċar għal vojt fil-kontabilità meta bażijiet tad-dejta bħall-PNR u l-Iskema tad-Dħul-Ħruġ tal-UE jinħolqu fil-livell tal-UE imma l-kriterji għall-analiżi tar-riskju jitħallew għall-Istati Membri. Hemm kompetenza tal-UE biex ikun żgurat li biżżejjed salvagwardji jidħlu fis-seħħ?

4. L-istabbiliment tal-legalità tal-profiling

Il-profiling jista' jkun leġittimu mingħajr l-ebda dubju, per eżempju fl-iżvilupp tal-profili bħala appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, bħal fil-każ tal-"profili ta' persuni suspettużi" li jiddeskrivu persuna jew persuni partikulari mfittxija għal xi reat partikulari fi żmien partikulari f'post partikulari. Tali profili ta' persuni suspettużi jistgħu jkunu wkoll rigward gruppi, fejn hemm rabta tanġibbli bejn l-etniċità jew l-oriġini nazzjonali ta' gruppi ta' krimini organizzat, u din ir-rabta hija msejsa fuq intelliġenza konkreta, speċifika u aġġornata.[2] F'dawn il-każijiet, l-użu tal-etniċità jew fatturi personali oħra bħala identifikaturi hija għodda leġittima tal-infurzar tal-liġi.

Imma l-profiling fil-forom differenti tiegħu jista jikser firxa ta' drittijiet skont il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet talk-Bniedem inkluż id-dritt tal-privatezza, il-libertà tal-muviment u r-reliġjon, u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni. L-Artikolu 14 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fit-tgawdija tal-drittijiet imħarsa mill-Konvenzjoni. Skont dak l-istandard, jekk żewġ individwi li jkunu f'qagħda simili jiġu ttrattati b'mod differenti fin-nuqqas ta' ġustifikazzjoni oġġettiva u raġonevoli, wieħed minnhom ikun ġie suġġett għal diskriminakkjoni illegali.[3] Il-każistika tal-ECHR stabbilixxiet li fejn ir-razza tikkostitwixxi bażi *esklussiva* għal-ħidma tal-infurzar tal-liġi, din titqies bħala diskriminazzjoni pprojbita. Il-prattiki tal-profiling etniku jridu jissodisfaw tliet kontrolli ta' skrutinju jekk iridu jikkostitwixxu differenza ta' trattament leġittimu li ma jikkostitwix diskriminazzjoni: l-effikaċja, il-proporzjonalità, u l-ħtieġa.

Id-Direttiva 2000/43/KE, id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza bejn ir-Razez, tistabbilixxi fid-dritt tal-UE l-prinċipju tat-trattament ugwali tal-persuni hu x'inhu l-oriġini razzjali jew etniku.[4] Hija tapplika fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi[5]. Il-preambolu jgħid li d-diskriminazzjoni

[1] Sottomissjoni bil-miktub tal-Open Society Institute lil-Laqgħa ta' Diskussjoni LIBE: "Il-libertà u s-sigurtà fil-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera tal-UE", Brussell, fit-30 ta' Ġunju 2008, pġ. 4.
[2] Sottomissjoni bil-miktub tal-Open Society Institute lil-Laqgħa ta' Diskussjoni LIBE: "Il-libertà u s-sigurtà fil-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera tal-UE", Brussell, fit-30 ta' Ġunju 2008, pġ.2
[3] Timishev v. Ir-Russja, App. Nru 55762/00, 55974/00, ECtHR 13.12.2005.
[4] ĠU L 180, tad-19.7.2000, pġ. 22.
[5] ĠU L 180, tad-19.7.2000, artikolu 3(1)h.

tista' ddgħajjef l-objettiv tal-UE ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[1], li jwassal li xi wħud biex jargumentaw li x-xogħol tal-pulizija u l-infurzar tal-liġi jikkostitwixxu 'prodott u servizz pubbliku' li għaldaqstant għandhom jidħlu fil-firxa tad-Direttiva. Ir-referenza tista' tabilħaqq tissuġġerixxi li mhijiex eskluża l-applikazzjoni tal-ugwaljanza bejn ir-razez għall-ħidmiet tal-infurzar tal-liġi.

Anki jekk l-applikabilità tagħha għal ħidma ta' infurzar tal-liġi hija aċċettata, eċċezzjoni importanti għall-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva tal-Ugwajanza tar-Razez tinħoloq bl-Artikolu 3(2) li jippermetti trattament iddiferenzjat fuq il-bażi tan-nazzjonalità. Waqt li deċiżjonijiet dwar l-immigrazzjoni jridu jsiru fuq il-bażi tan-nazzjonalità, din l-esklużjoni wiesgħa tad-diskriminazzjoni rigward in-nazzjonalità tħalli vojt sinifikanti fil-protezzjoni u tista' 'taħbi' forom ta' diskriminazzjoni bbażati fuq ir-razza jew l-oriġini etniku bħala taparsi differenzi leġittimi bbażati fuq in-nazzjonalità. Per eżempju, dawk responsabbli għall-kontroll tal-immigrazzjoni jistgħu jwaqqfu persuni li "jidhru barranin", li fil-prattika ġeneralment tfisser dawk ta' dehra mhux Ewropea. F'soċjetà li qed tkun dejjem aktar multietnika, din il-prattika timponi piż inġust tal-infurzar tal-liġi jew l-attenzjoni ta' kontroll fuq il-gruppi f'minoranza.

5. Kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta

L-Artikolu 15 (1) tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-protezzjoni tad-dejta tagħti lin-nies id-dritt li ma jkunux suġġetti għal "deċiżjonijiet li jkollhom effetti ġuridiċi… ibbażati biss fuq l-iproċessar awtomatizzat tad-dejta maħsuba għall-evalwazzjoni ta' ċerti aspetti personali."

Huwa ssuġġeriet li l-profiling li sempliċiment jagħżel lin-nies għal aktar kontrolli, mingħajr ma huwa stess jipproduċi effetti ħżiena jew ġuridiċi fuqhom, ma jistgħux ikunu ta' dannu għall-interessi tagħhom. Għaldaqstant il-proposta tal-Kummissjoni għal skema PNR tal-UE tispeċifika li jrid ikun hemm pass ieħor, preżumibbilment l-evalwazzjoni minn uffiċjal rigward ir-rilevanza ta' identifikazzjoni bbażata fuq l-evalwazzjoni tar-riskju/profiling, qabel isseħħ ħidma ta' infurzar tal-liġi:

"L-ebda ħidma ta' nfurzar ma tista' titwettaq minn Unitajiet ta' Tagħrif dwar il-Passiġġieri u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri minħabba l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta PNR biss jew minħabba r-razza jew l-oriġini etnika, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, l-opinjoni politika jew l-orjentament sesswali ta' persuna."

Madankollu, l-Artikolu 8 tal-abbozz tad-deċiżjoni qafas tat-'tielet pilastru' dwar il-protezzjoni tad-dejta fil-ħidma tal-pulizija u l-ġustizzja kriminali trattab dik is-salvagwardja billi

[1] Il-paragrafu 9 tal-preambolu jistqarr: "Id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etniku tista' ddgħajjef l-ksib tal-objettivi tat-Trattat tal-KE, b'mod partikulari l-ksib ta' livell għoli ta' impjiegi u ħarsien soċjali, iż-żieda fil-livell tal-għajxien u l-kwalità tal-ħajja, il-koeżjoni ekonomika u soċjali u s-solidarjetà. Tista' ddgħajjef wkoll l-objettiv tal-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja." Madankollu d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjiegi u x-xogħol (Id-Direttiva tal-Ugwaljanza fl-Impjiegi) tiddikjara fl-Artikolu 2(5) li: 'din id-direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-miżuri ġenerali stabbiliti fid-dritt nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma meħtieġa għas-sigurtà pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubblika u l-prevenzjoni ta' reati kriminali, għall-ħarsien tas-saħħa u l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn.

tiddisponi li deċiżjoni mhux favorevoli tista' tittieħed fuq il-bażi tal-estrazzjoni tad-dejta jew il-profiling biss, sakemm ikun hemm xi protezzjoni ġuridika għall-persuna kkonċernata:

Deċiżjoni li tipproduċi effetti ġuridiċi mhux favorevoli għas-suġġett tad-dejta jew taffettwah serjament u li hija bbażata biss fuq l-ipproċessar awtomatizzat tad-dejta bil-għan li jkunu evalwati l-aspetti individwali tas-suġġett tad-dejta għandha tkun permessa biss meta l-interessi leġittimi tas-suġġett tad-dejta jkunu ssalvagwardjati mid-dritt.
Madankollu, minħabba li m'hemmx standards jew kriterji speċifiċi stabbiliti għal dawk il-miżuri, il-valur ta' din id-dispożizzjoni jidher li huwa kemxejn baxx.

Profiling espliċitu u sistematiku jqanqal kwistjonijiet importanti fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali, b'mod partikulari tad-dejta personali sensittiva li hija suġġetta għal standard ogħla ta' protezzjoni. L-estrazzjoni tad-dejta hija bbażata fuq sett ta' kriterji, sikwit titwettaq fuq skala kbira, u frekwentement tinkludi aspetti ta' dejta personali sensittiva bħall-etniċità, l-oriġini nazzjonali, ir-reliġjon - ta' tagħrif ieħor li huwa l-prokura għal dejta sensittiva (per eżempju, l-għażla tal-ikel waqt it-titjir tista' tidentifika persuni li jitolbu ikliet tat-tip ħalal, preżumibbilment għax ikunu Musulmani).

Meta persuni jkunu identifikati permezz ta' proċess li jistrieħ fuq il-profiling, huma jkunu identifikati bħala suspettużi fuq il-bażi ta' kriterji li huma m'għandhomx kontroll li jibdlu. Fil-prattika, dan jixbah il-kuntrarju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, u jenfasizza l-ħtieġa għal salvagwardji b'saħħithom li jipproteġu d-dejta personali, partikularment id-dejta personali sensittiva, u jillimita l-mod kif potenzjalment jista' jsir abbuż waqt l-infurzar tal-liġi.

Peter Hustinx, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, wera b'mod ċar li fil-fehma tiegħu, id-deċiżjoni ta' qafas proposta dwar il-protezzjoni tad-dejta fix-xogħol tal-pulizija u l-ġustizzja kriminali 'b'mod sinifikanti iddgħajjef' il-protezzjoni tad-dejta personali taċ-ċittadini Ewropej.[1] Bil-kontra tad-Direttiva 95/46, l-aħħar abbozz li dwaru l-Kunsill wasal għal qbil politiku, m'għadux ikopri l-ipproċessar nazzjonali, u għaldaqstant mhux se japplika għal ħidmiet ta' profiling imwettqa fil-livell nazzjonali.

Salvagwardji meħtieġa oħra rigward l-użu tad-dejta personali mill-infurzar tal-liġi jinkludu[2]:

- Adegwatezza u effikaċja: biex prattiki speċifiċi ta' profiling li jinvolvu l-ipproċessar tad-dejta jitqiesu adegwati jew effettivi, il-profil irid ikun ibbażat fuq rabta oġġettiva, statistikament sinifikanti bejn il-kriterji użati fil-profil (l-etniċità, l-età, is-sess, in-nazzjonalità, eċċ) u l-fenomeni li jrid jindirizza (il-kriminalità, l-immigrazzjoni illegali, it-terroriżmu, il-qerq fl-assigurazzjoni, eċċ.).[3]
- Proporzjonalità: l-użu tad-dejta u l-firxa ta' dak l-użu jridu jkunu pproporzjonati mal-objettiv tal-infurzar tal-liġi li se jinkiseb permezz tal-użu tagħha.

[1] It-tielet opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD) rigward il-Proposta ta' Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali, tas-27.08.2007.
[2] Kontribut minn Peter Hustinx, Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, lil-Laqgħa ta' Diskussjoni LIBE: "Il-libertà u s-sigurtà fil-Ġestjoni Integrata tal-Fruntiera tal-UE", Brussell, fit-30 ta' Ġunju 2008.
[3] Ara wkoll in-Netwerk ta' esperti indipendenti tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet fundamentali, CFR-CDF. L-ewwel rapport, Mejju tal-2003.

- Preċiżjoni: irid ikun hemm mekkaniżmi li jipperemettu l-verifika tal-preċiżjoni u l-affidabbiltà tad-dejta personali mdaħħla.
- Limiti taż-żmien: l-inklużjoni ta' persuna f'bażi tad-dejta trid tkun evalwata mill-ġdid regolarment, kif iridu jkunu l-kriterji u l-loġika li sservi bħala bażi għal dik l-inklużjoni. Jekk m'hemmx raġunijiet validi, it-tagħrif għandu jitħassar. Ir-razza, l-etniċità u r-reliġjon ma jikkostitwux raġunijiet validi għall-inklużjoni jekk ma jkunx hemm fatti materjali oħra.

Riparazzjoni: minħabba l-konsegwenzi potenzjali għall-individwi, ir-riparazzjoni trid tkun effettiva u aċċessibbli.

6. Diskussjoni u rakkomandazzjonijiet

Ir-rapporteur tittama li dawn il-ħsibijiet jistimulaw diskussjoni rigward il-limiti safejn il-profiling huwa, u għandu jkun, leġittimu u legali, u se tippreżenta rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq id-diskussjonijiet fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, u t-tidħil minn partijiet interessati